KUMMISSJONI

DEĊIŻJONI TAL-KUMMISSJONI

tal-21 ta' Marzu 2007

dwar il-miżura implimentata mill-Ġermanja favur il-Bavaria Film GmbH – C 51/03 (eks NN 57/03)

(notifikata taħt id-dokument numru C(2007) 1170)

(It-test bil-Ġermaniż biss hu awtentiku)

(Test b'relevanza għaż-ŻEE)

(2007/515/KE)

IL-KUMMISSJONI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ,

Wara li kkunsidrat it-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea, partikolarment l-ewwel inċiż ta' l-Artikolu 88(2),

Wara li kkunsidrat il-Ftehim dwar iż-Żona Ekonomika Ewropea, partikolarment l-Artikolu 62(1)(a),

Wara li stiednet lill-partijiet interessati jippreżentaw l-osservazzjonijiet tagħhom [1] u wara li kkunsidrat dawn l-osservazzjonijiet,

Billi:

1. IL-PROĊEDURA

(1) Wara lmenti dwar għajnuniet allegatament mogħtija lill-Bavaria Film GmbH. (minn hawn 'il quddiem "BAV") fit-23 ta' Lulju 2003 il-Kummissjoni fetħet proċedura ta' investigazzjoni formali. Il-Ġermanja adottat l-opinjoni tagħha fl-20 t' Ottubru 2003; il-kompetituri u partijiet interessati oħra ma tawx l-opinjoni tagħhom. Fit-3 ta' Mejju 2005 il-Kummissjoni talbet informazzjoni, li l-Ġermanja tat bil-miktub fl-1 ta' Lulju 2005. Wara laqgħa li saret fit-12 t' Ottubru 2005 il-Ġermanja tat aktar informazzjoni fid-9 ta' Novembru u fil-21 ta' Novembru 2006.

2. DESKRIZZJONI TAL-MIŻURA ORIĠINALI

2.1. Introduzzjoni

(2) Fl-1999 fuq art tal-BAV beda xogħol ta' bini ta' studju tal-films (minn hawn 'il quddiem studju) mill-aktar avvanzat. Fuq din l-art hemm il-kwartieri tal-BAV, il-Filmstadt Geiselgasteig fi Freistaat ġol-Bavarja. Il-BAV hija intrapriża tal-produzzjoni tal-films skond id-dritt privat [2].

2.2. L-Investitur – il-kumpanija bi skop speċjali BFH

(3) L-investiment imsemmi hawn fuq sar minn kumpanija bi skop speċjali, il-Bayerische Filmhallen GmbH. (minn hawn 'il quddiem "BFH").

(4) Il-kapital irreġistrat tal-BFH jammonta għal EUR 50 000, li fih hemm involut il-bank LfA tal-Bavarja (minn hawn 'il quddiem "LfA") b'49 %, il-persuna privata Lothar Wedel [3] b'sehem fiduċjarju ta' 21 % u l-BAV b'sehem ta' 30 %. Il-valur nominali tal-kapital miżmum mill-BAV jammonta għalhekk għal EUR 15 000. L-ishma tal-LfA u tal-BAV ġew stabbiliti fuq il-bażi tal-kontributi rispettivi tagħhom għall-kostituzzjoni tal-BFH.

2.3. Il-kundizzjonijiet tal-finanzjament

(5) Barra mill-kapital investit l-LfA tat lill-BFH sussidju ta' mhux aktar minn EUR 3.8 miljun kif ukoll kreditu ta' finanzjament intermedju (li aktar tard kellu jinbidel f'sussidju) ta' 3.1 miljun EUR [4]. Is-6.9 miljun EUR flimkien kienu destinati għall-iffinanzjar ta' l-ispejjeż kollha għall-bini ta' l-istudju tal-films il-ġdid.

---

[1] ĠU C 249, 17.10.2003, p. 2.

[2] Mit-tradizzjoni ta' kumpanija stabbilita tal-films ta' l-1919 żviluppat il-kumpanija Bavaria Film li dak iż-żmien kellha aktar minn 30 kumpanija rispettiva fil-Ġermanja, fl-Awstrija, fl-Italja u fir-Repubblika Ċeka. Il-grupp Bavaria jopera madwar id-dinja kollha fis-setturi kollha ta' l-industrija awdjoviżwali. Aktar minn 50 % ta' l-ishma fil-kapital investit tal-BAV jinżamm minn xandara pubbliċi reġjonali.

[3] Oriġinarjament l-LfA kellha żżomm sehem ta' 70 %. Minħabba raġunijiet legali (il-qbiż tal-limitu ta' kreditu skond il-liġi dwar il-kreditu) l-avukat Lothar Wedel inġħata sehem ta' 21 %.

[4] Bil-kontra ta' dak li ġie kkonstatat fid-deċiżjoni dwar l-introduzzjoni tal-proċedura il-3.1 miljun EUR ġew sa ċertu punt biss mibdula f'sussidju. Wara d-deċiżjoni tal-Kummissjoni dwar l-introduzzjoni tal-proċedura, l-aħħar self ta' mhux aktar minn 1.345 miljun EUR ma nbidilx f'sussidju, iżda tawwal il-perjodu ta' self inkluż l-interessi.

(6) Barra l-kapital investit ta' EUR 15 000 il-BAV tat lill-BFH aċċess biex tuża l-istudju bla ħlas għal 25 sena. Wara li jgħaddu l-25 sena l-bini l-ġdid tal-BFH bit-tagħmir li fih b'kollox isir minnufih proprjetà tal-BAV.

(7) Il-BAV tamministra s-sit tal-produzzjoni għall-BFH. Skond il-Ftehim tal-ġestjoni tan-negozju id-dħul mill-kera ta' l-istudju ġie kkalkolat fl-ewwel tliet snin minn Ottubru 1999 sa Ottubru 2002 kif ġej:

(a) Il-BAV iggarantiet lill-BFH dħul mill-kera ta' mhux inqas minn DEM 300 000 (EUR 153 000) fis-sena.

(b) Id-dħul mill-kera ta' bejn DEM 300 000 [EUR 153 000] u DEM 500 000 [EUR 256 000] ġie mnaqqas mill-BAV bħala ħlas għall-ispejjeż għat-tiswija, manutenzjoni, assigurazzjoni u kummerċjalizzazzjoni.

(ċ) Madwar DEM 500 000 mid-dħul finanzjarju jrid jitqassam bejn il-BAV u l-BFH ([5]).

Tabella nru 1 turi d-dħul attwali mill-kera ta' l-istudju l-ġdid fl-ewwel tliet snin u t-tqassim tiegħu:

Tabella nru 1

Dħul u Ħlasijiet 1999-2002

(f'EUR)

	minn Ottubru 1999	2000	2001	sa Settembru 2002
Dħul mill-kera	61 000	333 000	250 000	174 000
Kera garantita għall-BFH	38 000	153 000	153 000	115 000
Id-dħul li jifdal minn dawn:	23 000	180 000	97 000	59 000
— Kumpens għall-BAV	23 000	103 000	97 000	59 000
— Il-bilanċ maqsum bejn il-BAV u l-BFH		77 000: — 39 000BFH — minn dawn: 38 000 BAV		
Total tal-BFH	38 000	192 000	153 000	115 000
Total tal-BAV	23 000	141 000	97 000	59 000
li minnhom spejjeż diretti minfuqa għat-tiswija u l-manutenzjoni, l-ilma, l-elettriku u t-tisħin, eċċ (*).	7 000	53 000	66 000	52 000

(*) Barra minn dan, spejjeż li jqumu b'mod indirett għall-amministrazzjoni bħal spejjeż ġenerali u ta' sigurtà (kummerċjalizzazzjoni, stedin lill-investitur, eċċ.) ma ġewx inklużi.

(8) Il-Ftehim tal-ġestjoni tan-negozju jipprovdi, li wara t-tliet snin mill-fażi tal-bidu tal-BFH, għalhekk fil-bidu tar-raba' sena f'Ottubru 2002, id-dħul mill-kera ta' l-istudju l-ġdid wara t-tnaqqis ta' l-ispejjeż għat-tiswija, manutenzjoni, assigurazzjoni u kummerċjalizzazzjoni jitqassam bejn l-azzjonisti skond l-investiment rispettiv tagħhom fil-BFH ([6]).

Tabella nru 2 turi d-dħul attwali mill-kera ta' l-istudju l-ġdid mill-2002 sa l-2005 u t-tqassim tiegħu:

([5]) L-isfond ta' dan l-investiment globali ta' 50 %, li ma jikkorrispondix ma' l-ishma attwali ta' 30 % u 70 %, huwa r-rikonoxximent, li s-servizzi infrastrutturali u l-attivitajiet tal-BAV (inkluż l-użu ta' l-art bla kera) li bħala kontribuzzjoni finanzjarja li tingħata taqbeż sew id-dħul mill-kera (jiġifieri massimu ta' EUR 103 000).

([6]) Skond il-ftehim, il-ħlas irid jiġi revedut wara tliet snin, għax l-ewwel tliet snin bħala fażi tal-bidu jkunu ingħataw lill-BFH għall-istabbilizzazzjoni.

Tabella nru 2

Dħul u Ħlasijiet 2002-2005

(f'EUR)

	minn Ottubru 2002	2003	2004	2005
Dħul	31 000	252 000	258 000	181 000
Spejjeż tat-tiswija u l-manutenzjoni (ta' l-ispejjeż attwali li jqumu tal-BAV)	10 000	18 000	42 000	31 000
Sigurtà globali (BAV)	3 000	13 000	13 000	13 000
Kummerċjalizzazzjoni globali (BAV)	12 000	48 000	48 000	48 000
Wara t-tnaqqis ta' l-ispejjeż id-dħul li jifdal jitqassam kif ġej:				
70 % tad-dħul li jifdal (BFH)	4 000	121 000	109 000	62 000
30 % tad-dħul li jifdal (BAV)	2 000	52 000	46 000	27 000
Total tal-BAV	17 000	113 000	107 000	85 000

3. **L-PROĊEDURA TAL-BIDU**

(9) Fil-ftuħ tal-proċedura l-Kummissjoni kienet tal-fehma, li meqjusa l-kundizzjonijiet, li bihom dawk involuti investew fil-BFH, l-investiment tal-LfA skond it-tifsira ta' l-Artikolu 87(1) tat-Trattat KE kien ekwivalenti għal għajnuna finanzjarja, u l-Kummissjoni kellha dubju dwar il-kompatibbiltà tal-finanzjament mas-suq komuni. B'mod partikolari, il-Kummissjoni kellha dubju dwar jekk l-involviment tal-LfA fil-BFH kienx kompatibbli mal-prinċipju ta' l-investitur privat f'ekonomija tas-suq, peress li l-BAV u l-LfA ma investewx fil-BFH taħt l-istess kundizzjonijiet. Fil-fatt l-LfA għandha sehem ta' 70 % mill-kapital irreġistrat tal-BHF għal investiment ta' 6.9 miljun EUR u l-qligħ mill-ishma tal-BFH, filwaqt li l-BAV għandha sehem ta' 30 % għal EUR 15 000 u l-25 sena li matulhom għandha d-dritt għall-użu ta' l-art, li l-valur tagħha ġie stmat madwar EUR 3 miljun.

(10) Fid-deċiżjoni tagħha sabiex tibda l-proċedura l-Kummissjoni argumentat li l-LfA hija bank nazzjonali u l-investiment iffinanzjat minnha li gej minn mezzi nazzjonali possibbilment jirrappreżenta għajnuna inkompatibbli mas-suq komuni, li l-benefiċjarju finali tagħha huwa l-BAV.

4. **L-OPINJONI TAL-ĠERMANJA**

(11) Bażikament il-Ġermanja hija ta' l-opinjoni, li l-ebda għajnuna m'hija disponibbli, għax din hija kwistjoni ta' investiment infrastrutturali u l-ebda intrapriża partikolari m'għandha vantaġġ. Jekk madankollu hemm xi element ta' għajnuna, fl-opinjoni tal-Ġermanja din taqa' taħt dik li tissejjaħ l-eċċezzjoni kulturali ta' l-Artikolu 87(3)(d) tat-Trattat KE.

(12) L-istudju jinkera għall-produzzjoni tal-films. Skond il-Ġermanja għall-kiri ta' l-istudju l-istess kundizzjonijiet japplikaw għall-kerrejja kollha, għalhekk anki għall-BAV u għall-kumpaniji rispettivi tagħha. Dan ġie wkoll stabbilit fil-Ftehim tal-ġestjoni tan-negozju, li jirregola l-amministrazzjoni tal-bini u l-ġestjoni ta' l-istudju mill-BAV. B'hekk il-BAV skond il-Ġermanja ma tieħu l-ebda trattament preferenzjali.

(13) Il-Ġermanja ppreżentat lista tal-films prodotti fl-istudju, li minnha rriżulta li aktar minn żewġ terzi ta' dawn il-films ġew prodotti minn intrapriżi, li m'għandhom l-ebda relazzjoni mal-BAV ([7]).

(14) Bħala prova li la l-BAV u l-ebda utenti oħra tas-sit tal-produzzjoni ma kellhom l-ebda preferenza, fl-2005 l-Ġermanja ppreżentat lista tal-prezzijiet tal-kera ta' 25 studju tal-films (li l-kobor tagħhom huwa ta' bejn 748 m^2 u 4 225 m^2) fost l-oħrajn fil-Ġermanja, fir-Repubblika Ċeka, fis-Slovakkja, fil-Bulgarija, fir-Renju Unit u fl-Italja. Il-prezzijiet tal-kera varjaw bejn EUR 0.27/m^2 (fl-Italja) u EUR 4.34/m^2 (fir-Renju Unit). Fl-2005 il-prezz tal-kera għall-istudju l-ġdid tal-BFH li huwa kbir 3 060 m^2 kien ta' EUR 1.02/m^2. Dan il-prezz kellhom iħallsuh l-utenti kollha ta' l-istudju, anki l-BAV.

([7]) Mill-14-il film li ġew prodotti fl-istudju bejn l-1999 u l-2005, tnejn ġew prodotti mill-BAV u tnejn oħra mill-Odeon Film PLC u mill-Odeon Pictures Ltd. Fiż-żmien meta saru dawn il-produzzjonijiet (fis-sena 2000) il-BAV investiet minn 32.75 % sa 38.4 % f'ishma fuq l-Odeon Film PLC, u din kellha 100 % fuq l-Odeon Pictures.

5. **L-IŻVILUPPI MATUL IL-PROĊEDURA**

(15) Sabiex tneħħi kull dubju, li seta' kien hemm xi għajnuniet, u biex tagħti lill-proċess xejra aktar trasparenti, wara l-introduzzjoni tal-proċedura l-Ġermanja pproponiet il-bidla li ġejja (minn hawn, 'il quddiem imsejħa "l-istrateġija l-ġdida"):

(a) L-LfA issir is-sid uniku tal-BFH. Din takkwista l-ishma tal-BAV ta' mhux aktar minn 30 % fil-valur nominali li jammontaw għal EUR 15 000. F'dan ir-rigward huwa tajjeb li jiġi nnotat li l-Ftehim li jikkostitwixxi l-BFH kien jipprovdi li l-ishma jinbiegħu lill-azzjonisti l-oħra bil-valur nominali (il-valur oriġinali). L-LfA takkwista wkoll il-21 % ta' l-ishma li jifdal ([8]).

(b) Il-BAV tirrinunzja għas-sehem mill-profitti ta' 30 % mill-kapital miżmum oriġinali u hija responsabbli biss għall-ġestjoni ta' l-istudju l-ġdid. Il-BAV titlob ħlas lill-BFH ta' l-ispejjeż tal-ġestjoni tan-negozju kull sena skond l-ispejjeż attwali. Għas-sena 2006 dawn kienu stmati għal EUR 106 405 u dawn jiġu verifikati minn espert indipendenti.

Tabella nru 3

L-ispejjeż ta' l-attività tan-negozju fl-2006

(f'EUR)

Kategorija ta' l-ispejjeż	Spjegazzjoni	Spejjeż fl-2006
Servizzi ta' art u bini: tindif, servizzi tax-xitwa, spazji ħodor; xogħlijiet, rimi ta' skart, eċċ.	Il-bażi għall-kalkolu huwa s-sehem ta' 6 % mill-art u l-bini. L-offerti ta' kompromess ammontaw għall-istess total.	21 539,29
Amministrazzjoni kummerċjali, eż. fatturazzjoni, ħruġ ta' kuntratti	Sagħtejn fil-ġimgħa għal EUR 40	4 160
Ġestjoni ta' beni immobbli	Siegħa fil-ġimgħa għal EUR 40	2 080
Servizzi tat-tifi tan-nar, għassa madwar il-bini, sistema ta' allarm, spezzjoni tat-tagħmir tekniku tat-tifi tan-nar	Il-BAV hija legalment obbligata li jkollha t-tagħmir tagħha stess tat-tifi tan-nar. L-ispejjeż għal dan jammontaw għal total ta' miljun EUR fis-sena.	50 906,13
Kummerċjalizzazzjoni, distribuzzjoni, servizzi; inkluż is-segretarji, stedin lill-investitur, Kummerċjalizzazzjoni, kalkolu tal-baġit, twettiq ta' proġetti, tmexxija tal-produzzjoni, eċċ.	Total ta' l-ispejjeż tad-dipartiment: EUR 175 000; Segretarji: EUR 200 fix-xahar; Koordinazzjoni ta' distribuzzjoni: EUR 100 fix-xahar; Koordinazzjoni ta' kummerċjalizzazzjoni: EUR 100 fix-xahar; Kummerċjalizzazzjoni: EUR 400 fix-xahar; Appoġġ lill-investituri: EUR 200 fix-xahar; Stedin lill-investituri ġodda fil-Ġermanja: EUR 200 fix-xahar; Stedin lill-investituri ġodda internazzjonali: EUR 100 fix-xahar; Kalkolu tal-baġit: EUR 100 fix-xahar; Tmexxija tal-produzzjoni: EUR 200 fix-xahar; Twettiq tal-proġett: EUR 100 fix-xahar; Ilmenti mill-investituri: EUR 100 fix-xahar; Analiżi tal-kompetituri: EUR 100 fix-xahar.	25 800
L-istampa: komunikati stampa, servizz ta' selezzjoni ta' l-artikli; Intranet u Internet, eċċ.	Sagħtejn fil-ġimgħa għal EUR 40	960
Kontabilità	Sagħtejn fil-ġimgħa għal EUR 40	960
		106 405,42

([8]) Min-naħa l-oħra l-LfA hija responsabbli għall-ishma ta' Lothar Wedel fil-valur nominali ta' EUR 10 500.

(ċ) Il-BFH ikkommettiet ruħha, sabiex tħallas il-prezz tas-suq għall-użu tal-bini. Skond il-prattika tas-suq dan il-ħlas għall-użu jammonta għal 5 % tal-valur ta' l-art, li kien ġie stmat għal EUR 3 670 000 minn konsulent indipendenti f'Jannar 2006. Għalhekk, il-kera ġiet stabbilita għal EUR 183 500 kull sena, biż-żieda tal-VAT. Il-prezz huwa marbut ma' l-indiċi tal-konsumatur. Madankollu l-BFH mhux se tħallas fix-xahar għall-użu tal-bini, iżda l-ħlas se jiġi differit. Ir-rata ta' interessi se tiġi stabbilita mar-rata bażi miżjuda b'4 %.

(d) Fl-2024 konsulent indipendenti se jagħti stima tal-valur tas-suq ta' l-istudju l-ġdid; biex tieħu l-beni ta' l-istudju l-ġdid il-BAV se tħallas prezz ekwivalenti għall-valur tas-suq lill-BFH, b'hekk is-somma totali tal-ħlas ta' l-użu differit flimkien ma' l-interessi tkun tista' tiġi mqabbla mal-valur tas-suq. Jekk il-valur ta' l-istudju jaqbeż id-domanda akkumulata għall-kera, il-BAV tħallas id-differenza lill-BFH (LfA).

6. L-EVALWAZZJONI

(16) Il-miżura oriġinali li qed tiġi kkunsidrata kien l-investiment tal-LfA ta' mhux aktar minn EUR 6,9 miljun fl-istudju l-ġdid u l-interess tagħha fil-BFH.

(17) Kif stabbilit fid-deċiżjoni dwar il-bidu tal-proċedura, dan il-proċess għal raġunijiet li ġejjin jista' jkun jittratta għajnuna nazzjonali fit-tifsira ta' l-Artikolu 87(1) tat-Trattat KE favur il-BAV:

(a) L-LfA hija bank nazzjonali, li l-azzjonijiet u d-deċiżjonijiet tagħha huma attribwibbli lill-istat (Freistaat Bayern); b'hekk intużaw mezzi nazzjonali.

(b) L-investiment tal-LfA seta' fil-fatt ħoloq vantaġġ ekonomiku għall-BAV permezz ta' kumpens qawwi li seta' kien possibbli ta' l-ispejjeż ta' l-amministrazzjoni, vantaġġi ta' kundizzjonijiet ta' preferenzi inġusti bil-ksib ta' l-ishma tal-BFH fir-rigward ta' dawk tal-LfA, li jieħdu pussess ta' l-istudju mingħajr kundizzjonijiet wara 25 sena u fl-aħħar nett l-aċċess preferut għall-istudju kif ukoll il-fatt li jistgħu jiddisponu minnu bla ħlas, vantaġġi li l-BAV taħt kundizzjonijiet normali tas-suq possibbilment ma kienx ikollha.

(ċ) Ladarba l-vantaġġ ingħata b'għażla lill-BAV u mhux lill-kompetituri tagħha, l-investiment tal-LfA seta' kien ta' xkiel għall-kompetizzjoni.

(d) Ladarba l-BAV tikkompeti ma' intrapriżi oħra fis-swieq internazzjonali, fl-aħħar nett l-operazzjoni ta' l-istudju l-ġdid jista' jkollha wkoll impatt fuq il-kummerċ bejn l-Istati Membri.

6.1. L-eżistenza ta' għajnuna – l-impatt ta' l-istrateġija l-ġdida

6.1.1. *Fil-ġejjieni*

(18) Il-Ġermanja ħejjiet il-bidliet kollha għall-applikazzjoni ta' l-istrateġija ġdida, warrbet l-elementi kollha bikrija u futuri li kienu possibbli u kkommettiet ruħha, sabiex tapplika l-istrateġija, hekk kif id-deċiżjoni tal-Kummissjoni tkun ittieħdet.

(19) L-LfA se tixtri l-ishma ta' 30 % tal-BAV għall-prezz ta' EUR 15 000. Dan il-prezz kien iprovdut fil-Ftehim li permezz tiegħu l-BFH ġiet kostitwita u jikkorrispondi eżatt mal-prezz, li l-Bavarja kienet oriġinarjament tħallas għall-ishma tagħha. Għall-bejgħ ta' l-ishma tagħha fil-BFH m'huwa se jingħata l-ebda vantaġġ lill-BAV, li jista' jitqies bħala għajnuna. L-LfA se jkollha 100 % ta' l-ishma u konsegwentement se jkollha 100 % tad-dħul tal-BFH.

(20) Fil-ġejjieni l-BAV se titlob lill-BFH tħallas prezz fis-sena għall-ispejjeż tal-ġestjoni tan-negozju skond "in-nefqa attwali". Skond l-informazzjoni li tat il-Ġermanja f'Novembru 2006, l-ispejjeż annwali fl-2006 jammontaw għal EUR 106 405. L-ispejjeż attwali se jiġu kkalkolati u fatturati kull sena u verifikati minn espert indipendenti. Se jkun żgurat, li l-BAV titħallas biss għall-servizzi attwalment mogħtija, biex b'hekk titneħħa l-possibbiltà li jingħata kumpens żejjed. B'hekk ma jinħoloq l-ebda vantaġġ għall-BAV fil-forma ta' ħlas ta' kumpens eċċessiv għall-amministrazzjoni, li tkun ekwivalenti għal għajnuna finanzjarja.

(21) Sa l-2024, il-BFH tħallas lill-BAV għall-kiri ta' l-art. Dan jammonta għal 5 % tal-valur ta' l-art stmat minn konsulent indipendenti ([9]). F'dan ir-rigward din tista' titqies bħala n-nefqa tal-kiri, u li tiggarantixxi lill-BAV dħul xieraq għall-art tagħha. Madankollu l-BFH mhux se tħallas il-kera fix-xahar f'kontanti, iżda l-ħlas għall-użu flimkien ma' l-interessi se jkunu differiti ([10]). Se jiġi żgurat li l-BAV se titħallas biss għall-użu ta' l-art, biex b'hekk titneħħa l-possibbiltà ta' kumpens żejjed.

([9]) Il-kera tammonta għal EUR 183 000, b'hekk dħul nominali ta' 5 % li huwa konformi mal-kundizzjonijiet normali tas-suq huwa garantit. Il-BAV tikkalkula rata ta' imgħax applikabbli fis-suq.

([10]) Il-BAV tikkalkula rata ta' imgħax applikabbli fis-suq. Din tammonta għar-rata ta' imgħax flimkien ma' l-4 %, li ovvjament tikkorrispondi mar-rata li tkun mistennija f'każ ta' self lill-intrapriża li hija ta' l-istess kalibru tal-BFH.

(22) Fl-2024, wara li jgħaddu l-25 sena, il-valur tas-suq ta' l-istudju l-ġdid se jiġi stmat minn konsulent indipendenti u l-BAV tista' takkwista l-istudju l-ġdid mill-BFH għal dan il-prezz u jekk ikun meħtieġ tħallas dan mid-domanda għall-kiri flimkien ma' l-interessi Jekk il-valur tas-suq ta' l-art fl-2024 jaqbeż id-domanda fir-rigward tal-BAV, il-BAV tħallas id-differenza. Konsegwentement mhux possibbli li l-BAV tibbenefika minn xi vantaġġ bil-ksib ta' l-istudju [11]. B'ħekk huwa stabbilit li l-istrateġija ġdida tiggarantixxi li fil-ġejjieni l-BAV ma tingħata l-ebda vantaġġ mill-operazzjoni ta' l-istudju ġdid fit-tifsira ta' l-Artikolu 87(1) tat-Trattat KE u konsegwentement mhux possibbli li fil-ġejjieni tista' tingħata xi għajnuna nazzjonali favur il-BAV. Il-BAV se tirrinunzja għall-sehemha ta' mhux aktar minn 30 % u se titlob ħlas mill-BFH ta' l-ispejjeż attwali għall-ġestjoni ta' l-istudju ġdid u għall-kiri tal-bini. Wara 25 sena l-BAV se jkollha tħallas prezz relevanti għall-kundizzjonijiet tas-suq għall-ksib tas-sit tal-produzzjoni. Oriġinarjament kien ġie pprovdut, li wara li jgħaddu l-25 sena l-BAV tieħu pussess tal-bini tal-BHF bit-tagħmir kollu li fih mingħajr ma jkollha għalfejn tħallas xejn.

6.1.2. *Fl-imgħoddi – Effetti tal-miżura li diġà jidhru qabel l-applikazzjoni ta' l-istrateġija ġdida*

(23) It-tabelli nru 1 u 2 jagħtu informazzjoni dwar il-ħlas li l-BAV irċeviet mill-1999 sa l-2005. Dan il-ħlas jinqasam f'żewġ kategoriji: il-ħlas għall-attività tan-negozju u s-sehem mill-profitti miftiehem tal-BAV. Dan jista' jitqassar kif ġej:

Tabella nru 4

Ħlas lill-BAV – Ħlas u Profitt

(f'EUR)

	minn Ottubru 1999	2000	2001	2002	2003	2004	2005
A. Dħul totali	61 000	333 000	250 000	205 000	252 000	258 000	181 000
B. Ħlas garantit lill-BFH	38 000	153 000	153 000	115 000			
Ċ. Spejjeż operattivi (imħallsa lill-BAV)	23 000	103 000	97 000	84 000	79 000	103 000	92 000
minn dawn:							
D. Manutenzjoni, ilma, elettriku, tisħin, eċċ.	*7 000*	*53 000*	*66 000*	*62 000*	*18 000*	*42 000*	*31 000*
E. Sigurtà, kummerċjalizzazzjoni, Overhead u amministrazzjoni	*16 000*	*50 000*	*31 000*	*22 000*	*61 000*	*61 000*	*61 000*
F = A – B – Ċ Profitti	0	77 000	0	6 000	173 000	155 000	89 000
minn dawn:							
Ġ. Profitti tal-BFH		*39 000*		*4 200*	*121 100*	*108 500*	*62 300*
H. Qligħ tal-BAV		*38 000*		*1 800*	*51 900*	*46 500*	*26 700*
Total ta' ħlas lill-BAV: I = Ċ + H	23 000	141 000	97 000	85 800	130 900	149 500	118 700

(24) Il-ħlasijiet li rċeviet il-BAV għall-ġestjoni tas-sit tal-produzzjoni (ara ringiela Ċ u l-informazzjoni dettaljata f'ringieli D u E ta' tabella nru 4), jirriflettu sa ċertu punt l-ispejjeż attwali u l-ħlasijiet globali stabbiliti minn qabel fil-Ftehim tal-ġestjoni tan-negozju. Fis-snin 2000 u 2004, li huma meqjusa bħala s-snin ta' l-ogħla livell, dawn il-ħlasijiet kienu aktar baxxi minn kif kienu ppjanati l-ispejjeż b'mod dettaljat, li għall-2006 kien pjanat l-ammont ta' madwar EUR 106 405 (ara t-tabella nru 3). Fil-fatt il-ħlasijiet lill-BAV ammontaw biss għal EUR 103 000.

(25) Madankollu dan ma ta lill-BAV l-ebda vantaġġ żejjed. Is-sehem mill-profitti tal-BAV kien maħsub bħala bilanċ għall-użu ta' l-art mingħajr ħlas. Dawn il-ħlasijiet huma aktar baxxi mill-prezz tas-suq għad-dħul mill-kera ta' l-art, li bħalissa jammonta għal EUR 183 500 fis-sena (ara premessa (15))

[11] Ladarba l-ħlas għall-użu se jiġi deferit, skond il-Ġermanja jista' jkun eskluż il-fatt li l-BFH tfalli u matul il-proċeduri ta' insolvenza tagħti vantaġġ lill-BAV, li l-istudju jkun fuq l-art tagħhom.

(26) Minn tabella nru 4 jirriżulta, li bl-għadd totali tad-dħul kollu tal-BAV (mill-ġestjoni u l-profitti, ara ringiela nru I) is-somma tal-ħlasijiet kollha li l-BAV kienet irċeviet mill-1999 sa l-2005, hija aktar baxxa mill-valur stmat tas-suq għall-użu ta' l-art (li bħalissa jammonta għal EUR 183 500 fis-sena). Dan huwa stabbilit fil-pjan oriġinali, li fih il-BAV kellha tieħu pussess tal-bini l-ġdid tal-BFH bit-tagħmir li fih b'kollox wara li jgħaddu l-25 sena mingħajr ma jkollha għalfejn tħallas xejn. Dan kien ikun ifisser vantaġġ żejjed għall-BAV. Madankollu l-istrateġija ġdida tipprovdi, li l-BAV tikseb l-istudju għall-prezz tas-suq. Minn dan kollu jirriżulta, li fis-snin mill-1999 sa l-2005 il-BAV ma kellha l-ebda vantaġġ mill-miżura fit-tifsira ta' Artikolu 87(1) tat-Trattat KE.

(27) Konsegwentement jista' jiġi konkluż li l-BAV ma rċeviet l-ebda għajnuna nazzjonali b'konnessjoni ma' l-operazzjoni preżenti ta' l-istudju l-ġdid.

6.2. **Uħud mill-għajnuniet b'konnessjoni ma' l-użu ta' l-istudju**

(28) Barra li jista' jkun hemm ħlas żejjed għall-BAV għall-ġestjoni ta' l-istudju (ara tabella nru 4 hawn fuq) il-BAV tista' tkun qed tibbenefika minn trattament preferenzjali bl-użu ta' l-istudju.

(29) Skond l-informazzjoni li tat il-Ġermanja, il-biċċa l-kbira tal-films ġew prodotti minn intrapriżi li ma kellhom l-ebda konnessjoni mal-BAV ([12]). Il-Ġermanja ikkonfermat, li l-BAV ma tibbenefika mill-ebda privileġġi permezz ta' l-aċċess tagħha għall-istudju. Barra minn dan, il-produtturi tal-films setgħu jużaw l-istudju taħt l-istess kundizzjonijiet u għall-istess prezz bħall-BAV u dan jistgħu ukoll jibqgħu jagħmluh. Il-Kummissjoni ġiet żgurata, li l-BAV qed tiġi ttrattata bħall-kompetituri l-oħra u li la bbenefikat u lanqas se tibbenefika minn trattament preferenzjali, b'ħekk permezz ta' l-użu ta' l-istudju l-ġdid fit-tifsira ta' Artikolu 87(1) tat-Trattat KE din la ħadet u lanqas se tieħu l-ebda vantaġġ.

6.3. **Il-kompatibbiltà ta' l-istrateġija ġdida mal-prinċipju ta' l-investitur privat f'ekonomija tas-suq**

(30) Fuq il-prinċipju ta' l-investitur privat f'ekonomija tas-suq, li għalih saret referenza fid-deċiżjoni dwar l-introduzzjoni tal-proċedura, jista' jiġi innotat li f'dan il-każ qed jiġi ttrattat il-fatt, li l-LfA u l-BAV ma nvestewx fil-BHF bl-istess kundizzjonijiet u dan ġie meqjus bħala għajnuna lill-BAV. L-istrateġija ġdida tittratta din il-problema billi l-LfA issir l-uniku proprjetarju tal-BFH. L-istrateġija ġdida tipprovdi, li d-dħul tal-BFH tal-prezzijiet tas-suq li jħallsu l-utenti kollha ta' l-istudju huwa 100 % tal-LfA u t-tqassim kollu tal-profitti tal-BFH imur għall-LfA. Fl-aħħar nett fl-2004 l-LfA tieħu prezz tas-suq għall-bejgħ ta' l-istudju. Konsegwentement għandu jiġi prima facie konkluż li l-investiment tal-LfA fil-BFH huwa konformi mal-prinċipju ta' l-investitur privat f'ekonomija tas-suq.

7. **KONKLUŻJONIJIET**

(31) Fid-dawl tal-kunsiderazzjonijiet fuq imsemmija l-Kummissjoni tikkonkludi li l-miżura emendata skond l-istrateġija ġdida ma tagħti lill-BAV l-ebda vantaġġ u konsegwentement ma tagħti l-ebda għajnuna nazzjonali lill-BAV fit-tifsira ta' Artikolu 87(1) tat-Trattat KE ,

ADOTTAT DIN ID-DEĊIŻJONI:

Artikolu 1

L-investiment tal-bank LfA tal-Bavarja fil-Bayerische Filmhallen GmbH. ma jammontax għal għajnuna ta' kwalunkwe forma mogħtija mill-Ġermanja favur il-Bavaria Film GmbH fit-tifsira ta' Artikolu 87(1) tat-Trattat KE.

Artikolu 2

Din id-deċiżjoni hija indirizzata lir-Repubblika Federali tal-Ġermanja.

Magħmul fi Brussell, 21 ta' Marzu 2007.

Għall-Kummissjoni

Neelie KROES

Membru tal-Kummissjoni

([12]) Ara n-nota f'qiegħ il-paġna nru 7.